# ĦAL LUQA

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 14 – IT-TLIETA 4 T' AWWISSU 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa It-Tlieta 4 t' Awwissu 2020 fis-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | John Schembri | Sindku |
| | Eric Camilleri | Kunsillier |
| | Maria Magri | Kunsilliera |
| | Frederick Aquilina | Kunsillier |
| | Victor Caruana | Kunsillier |
| | Lucia Massa | Kunsillier |
| Uffiċċjali Preżenti | Michael Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat | Kearon Bruno | Viċi Sindku |

## 1. QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOĠIJI

1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

## 2 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1 Il-minuti ġew approvati mill-Kunsilliera Lucia Massa u ssekondati mill-Kunsilliera Maria Magri.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku ressaq email fuq il-proġett EASME.

3.2 Is-Sindku ressaq email minn naħa tal-Friends of the Earth Malta fuq inizjattiva biex jagħtu assistenza lill-Kunsilli Lokali fuq proġetti ta' tisbieħ.

**Il-Kunsillier Camilleri wasal għall laqgħa tal-Kunsill fis-17.40 pm.**

3.3 Is-Sindku ressaq email minn naħa tal-ERA li dawn kien se jniedu konsultazzjoni fuq l-ambjent biex jistiednu lill-Kunsilli Lokali jagħtu s-suġġerimenti b' mod elettroniku.

3.4 Il-Kunsillier Aquilina saqsa jekk hux se jkun hemm Triq il-Gudja magħluqa minħabba l-attivita. Is-Sindku qal li minn naħa tal-organiżżaturi ma tawniex dettalji.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

4.1 Il-Kunsillier Caruana semma li meta kienet saret iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-pont fi Vjal l-Avjazzjoni kienu semmew li jingħata resurfacing fi' Triq Ġużeppi Penza. Huwa qal li ġewwa Ħal Luqa hawn toroq oħra li hemm aktar bżonn ta' resurfacing. Is-Sindku irrisponda li huwa l-Kunsill Lokali li jagħmel il-prijoritajiet fuq it-toroq li hemm bżonn isiru. Huwa semma li meta inbeda l-iżvillup li qed isir bħalissa wara l-Iskola kien hemm ukoll bidla fil-prijoritajiet u saħansitra kien huwa stess li mar jiċċekkja fuq kif kienu qed isiru l-bankini peress li kienu dojoq u waqqaf lill-kuntrattur.

4.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq it-Triq tal-Maħżnier kif konna bqajna peress li semma li din idealment tkun One Way. Is-Sindku qal lill-Kunsillier Camilleri biex jikkordina ġurnata miegħu sabiex jiċċekkjaw it-toroq. Is-Sindku semma li rridu naraw l-affarijiet sewwa għax jekk ikun hawn ħafna toroq One Way jinħoloq bottle neck.

**Il-Kunsillier Aquilina wasal għall laqgħa tal-Kunsill fis-17.45 pm.**

4.3 Il-Kunsillier Caruana qal li kien hemm persuna li baqgħet dieħla go Mercedes fi Triq San Tumas dil-ġimgħa peress li qed ikun hawn sewqan esaġerat. Is-Sindku qal lis-Segretarju biex naraw kif jista jkun hawn community policing.

4.4 Il-Kunsillier Caruana semma li l-mod kif kien il-wiċċ tal-bankina fi Triq id-9 t' April dan kien aħrax u mhux ta livell. Is-Sindku semma li huwa stess kien mar fuq il-post u kien inżamm perċentwal mill-ammont li kellu jitħallas lill-kuntrattur fuq dan l-item peress li ma laħaqx il-livell mistenni.

4.5 Il-Kunsillier Camilleri qal li hemm xi ċangaturi quddiem l-Easy Come Store li tiżloq biex naraw x' nistgħu nagħmlu.

4.6 Il-Kunsillier Aquilina saqsa kif konna bqajna fuq il-U-Bar li kellha isir quddiem il-Paperway. Is-Sindku qal li din kienet ordnata.

## 5. ĦATRA TAL-KUNSILLIERA MARIA MAGRI U DEKASTERI

5.1 Is-Sindku qal li s-Sinjorina Maria Magri kienet inħatret Kunsilliera flok Donald Cassar u bħala dekasteri hija se tkun responsabbli mill-EU Funds, Reġjun Nofsinhar u drittijiet tal-konsumatur. Huwa awgurala anki għan nom tal-Kunsill fil-ħidma tagħha.

5.2 Is-Sindku semma li kien hemm ittra minn naħa tal-avukat li qed jirrappreżenta lill-ex Kunsillier Donald Cassar sabiex dan jerġa jiddaħħal lura fil-Kunsill Lokali. Huwa qal li aħna kellimna lill-avukat biex dan jirrispondi anki għall fatt li kif infurmajna fil-laqgħa preċedenti kien hemm rakkomandazzjoni tal-Ministru biex dan jitneħħa minn Kunsillier.

5.3 Is-Sindku semma li kien hemm ukoll kawża oħra fejn huwa kien għajjar lill-membri tal-Kunsill u kien se jkun hemm bżonn ix-xhieda tal-Kunsilliera.

## 6. ATTIVITAJIET KULTURALI

6.1 Is-Sindku talab lill-Kunsillier Camilleri biex jagħti spjegazzjoni fuq l-iskema tal-attivitajiet kulturali.

6.2 Il-Kunsillier Camilleri semma li kien hemm skema minn naħa tal-Ministeru tat-Turiżmu biex biha jsiru attivitajiet kulturali. Huwa qal li għalkemm din hija tajba, minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID bħalissa xorta jkun hemm problema meta tista tippjana li tagħmel attività.

## 7. XOGĦOLIJIET

7.1 Is-Sindku semma li bħalissa qed isiru xogħolijiet fi Triq Ġorġ Zahra u huwa kien issorvelja peress li kien hemm xi nuqqasijiet.

7.2 Is-Sindku tkellem dwar il-latrina peress li kien instab li hemm is-saqaf kellu ħafna ħsara u kellu bżonn jinbidel. Huwa qal li dan ix-xogħol ma kienx ippjanat u se jinġiebu żewġ kwotazzjonijiet u b' hekk inkunu nistgħu niddeċiedu minn hemm.

7.3 Il-Kunsillier Caruana qal li hemm bżonn li naraw jekk l-ownership tal-latrina peress li hemm diversi li qed jgħidu li dan l-ispazju huwa tagħhom. Is-Segretarju qal li huwa bagħat diversi reminders lill-Lands Authority kif ukoll telefonati regolari u xorta dawn ma tawx l-informazzjoni mitluba. Is-Sindku qal li f' dan il-każ jitkompla x-xogħol u jekk ikun hemm xi claims dawn jiddiskutihom ma min ikun għamilhom.

7.4 Is-Sindku semma li kienet saret laqgħa mal-Infrastructure Malta dwar it-traffic Management ta' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra. Huwa semma li qed nistennew pjanta tal-proposta.

## 8. MAWRA GĦALL-GĦAWDEX

8.1 Is-Sindku semma li kienet ser issir mawra għall-Għawdex kif kienet issir kull sena però minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID din tħassret biex tiġi mħarsa s-saħħa u s-sigurta ta' dawk li jattendu għall mawra.

## 9. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

9.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq pagamenti.

## 10. TMIEM TAL-LAQGĦA

10.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha it-Tlieta 4 t' Awwissu 2020 fis-6.15 pm. Ma kienx hemm ġurnata proposta għall laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Michael Portelli, BA (Hons), MA CHM, MBA** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |